BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed terga tigi msejjah biex tattendi ghat-Tielet laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

| | |
|---|---|
| 1 | **Talba** |
| 2 | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 2** |
| 3 | **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 2** |
| 4 | **Hatra u Approvazzjoni tal-membri tal-Kumitati u Sotto Kumitati** |
| 5 | ***Maintenance and Service Agreements*** |
| 6 | **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 2** |
| 7 | **Korrispondenza** |
| 8 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 9 | **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 10 | **Eghluq** |

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tat-Tielet laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2009 mis-6:00pm sat-8:25pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillier is-Sur John Borg dahlu fil-kamra fis-6:10pm, filwaqt li l-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt dahlet fil-kamra fis-6:30pm. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 2

Il-Minuti tat-Tieni laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati, b'disa' voti favur, xejn kontra u astenzjoni wahda. Dan wara li saret zieda f'*item* 5 fuq talba tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, u korrezzjoni zghira fuq talba tas-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, fit-titlu ta' *item* 2 u fl-ewwel paragrafu ta' l-istess *item*, kif ukoll fit-titlu ta' *item* 3, fejn in-numru tal-laqgha precidenti ried jigi laqgha numru wiehed (1) u mhux tnejn (2). Il-minuti numru 2 tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Emanuel Aquilina. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsillier Dr.George Debattista astjena ghax kien assenti meta issejhet il-laqgha numru 2.

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 2

Hawnhekk dahlu fil-kamra l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-kunsillier is-Sur John Borg. Il-hin kien is-6:10pm

Il-Kunsillier Dr.George Debattista accena ghal *item* 5 **fejn insista li ma giex ikkonsultat kif giet ikkonsultata Joanne Borg hu ghalhekk ma kienx qed jaccetta 'l ebda kariga f'dan il-Kunsill.**

Dwar il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 1 hu qal li ma kienx qed jaqbel ma' *item* 2 indikat fil-lista msemmija. Dan minhabba li skond hu dan ix-xiri m'huwiex skond il-ligi u d-doveri li mnizzla fil-ligi.

Il-Kunsillier Dr George Debattista accena wkoll ghall-*item* 7. Hu qal li hu ma kienx qed jaqbel ma' certu *tenders* li ghalihom kienet ser tissejjah sejha pubblika. Fost dawn hemm dak ta' *accountant,* perit, u *quantity surveyer*. Hu qal li dawn ma kienux stipulati fil-ligi. Hu sostna li minhabba hekk hu ma kienx ser japprova l-hlasijiet ghas-servizzi li jinghataw taht dawn il-kuntratti. Hawnhekk hu talab biex fil-laqgha li jmiss is-Segretarju Ezekuttiv iressaq l-avvizi li kienu ppublikati mill-Kunsill f'dawn l-ahhar tlett snin fil-gurnali lokali. Il-Kunsillier Dr. George Debattista qal li hu jrid konferma mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali illi l-lista tat-*tenders* hi skond il-ligi. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li t-*tenders* kollha li ghalihom kienet ser tissejjah sejha ghall-offerti kienu skond il-ligi. Hu fakkar li ghal dawk is-servizzi li jaqbzu € 4660 il-kunsill hu obbligat li johrog sejha ghall-offerti. Is-Sindku qal li hu ma jsib l-ebda diffikulta' li niktbu lid-Dipartiment fuq dan ir-rigward.

Is-Sindku s-Sur Micahel Fenech Adami nforma wkoll lill-membri prezenti illi nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2009 id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ser jorganizza sessjoni ta' informazzjoni ghas-Segretarji Ezekuttivi ta' Malta u Ghawdex dwar il-kuntratt il-ġdid dwar il-ġbir ta' skart organiku kif ukoll dwar il-procedura biex jigu ppublikati certu offerti fil-gurnal ta' l-Ewropa minhabba li xi whud mit-*tender* u smat li ser jaqbzu €133,000

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien is-6:30pm

3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg qalet li huwa mportanti li qabel nohorgu *tenders* naraw li ghandna flus ghalihom. Hi suggerit li fil-lista tal-pagamenti ghandha titnizzel kolonna li fiha jkun hemm indikat kemm ikun baqa' flus minn kull vot partikolari. Hi ghamlet riferenza wkoll ghal flus li l-Kunsill ghandu jiehu mil-LES. Hi sostniet li skond id-Dipartiment din ma kelliex tigi mnizzla. Is-Sinjura Borg qalet ukoll illi l-Kunsill ghandu dejjem jimxi skond il-linja ta' direzzjoni li jghiddilna l-Awditur fl-ittra tieghu. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi f'laqgha ohra kien ser jipprezenta dokument li kien bghatlu Dr Said, liema dokument jghid illi l-Kumitati Kongunti kienu gejjin xolti.

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 7. hi qalet li hi ma kienitx taqbel li ghandna indahlu *accountant* iehor. Hi qalet li dan kienet sostnietu wkoll waqt laqgha numru 2. Hi qalet jekk indahlu *accountant* iehor il-Kunsill kien ser jispicca b'erba' persuni fuq l-*accounts* li kienu :- Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Christian Vella, l-iskrivana Ruth Stivala u l-persuna li tiehu l-kuntratt. Hawnhekk is-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-Kunsill ilu jixtri s-servizz ta' *accountant* mill-bidu tal-Kunsill. Hu qal li kull ma kien ser jigri hu li l-Kunsill kien ser johrog sejha ghall-offerti u dan minflok nohorgu sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz li fil-prezent qed jinghata mis-Sur Christian Vella. Is-Sindku qal li kemm is-Segretarju Ezekuttiv u l-anqas Ruth Stivala ma kienu *qualified accountants.*

## 4 Hatra u Approvazzjoni tal-membri tal-Kumitati u Sotto Kumitati

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lill-membri prezenti biex huma jipprezentaw lista li tindika l-membri li huma kienu sejrin jahtru fil-Kumitati u Sotto Kumitati taghhom. Peress li kienu biss is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri Dr. Josianne Cardona Gatt, Mark George Abdilla, Rose Frendo, John Borg, Joanne Borg u Anthony Buttigieg li prezentaw l-ismijiet is-Sindku ppropona illi sa laqgha ohra l-Kunsilliera kollha ghandhom jaghtu bil-kitba d-dettalji lis-Segretarju Ezekuttiv halli waqt il-laqgha li jmiss tal-Kunsill tigi prezentata lista wahda bl-ismijiet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dwar il-Kumitat ta' Fleur-de-Lys is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona wkoll li ghalissa ghandu jinzamm kollox *on hold* sakemm tigi fi sehh il-ligi l-gdida. Dan biex nimxu skond il-procedura l-gdida li ser tigi attwata dwar il-hamlets. Fuq dak li ppropona s-Sindku kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk Dr George Debattista qal li hu ma kien ser jaccetta l-ebda kariga u ghaldaqstant ma kienx qed jaccetta s-Sotto Kumitat li hu kien inghata.

## 5 *Maintenace and Service Agreements*

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma ta' informazzjoni dwar il-*maintenance agreements* u sistemi konnessi mac-Centru Civiku kif ukoll ma' dik li ghanda x'taqsam mas-sistema ta' l-*istorm water alarm.* Dawn kienu jikkoncernaw dawn li gejjin :-

A Birkirkara Storm Water Alarm – Kuntrattur Alberta Fire & Security System
B Birkirkara Civic Centre Fire Pump – Kuntrattur m'ghandniex
C Birkirkara Civic Centre Conventional Fire Detection- Kuntrattur Fire Tech Limited
D Birkirkara Civic Centre Fire Extinguishers & Hose Reels – Kuntrattur Fire Tech Limited
E Birkirkara Civic Centrte Passenger Lifts – Kuntrattur High Rise Co. Ltd
F Birkirkara Civic Centre Passenger (Disabled) Lift – Kuntrattur Elmein Ltd
G Birkirkara Civic Centre Aircondition System – Kuntrattur Steve Bajada
H Birkirkara Civic Centre Generator – Kuntrattur m'ghandniex

Is-Sindku qal li fuq is-sistemi msemmija hawn fuq il-Kunsill m'ghandu l-ebda nformazzjoni teknika bhal *specification* etc. Dan qed jikkaguna nkonvenjent ghall-Kunsill minhabba l-fatt li l-Kunsill qed isibha difficli biex jibni d-dokumenti tat-*tenders.* Is-Sindku qal li minhabba li xi whud mill-*maintenance agreements* ilhom jiggeddu snin. Hu qal li ghal zewg sistemi partikolari m'ghandniex kuntrattur. Is-Sindku qal li fuq is-sistemi ta' l-*aircondition* baqa xoghol urgenti xi jsir, fuq il-*lifts* fil-prezent hemm zewg *lifts* weqfin b'wiehed minnhom ilu snin twal wieqaf, fuq il-pompa tan-nar u fuq l-*istorm water alarm* hemm spiza kbira. Hawnhekk is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghamlu riferenza ghal diversi ittri/emails li l-Kunsill kien kiteb lid-Direttur ghall-Gvern kif ukoll ohra lid-Direttur ta' l-Artijiet u dan biex mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali jaghtuna linja ta' direzzjoni, u min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet jaghtuna specifications fuq il-pompa tan-nar rispettivament. Is-Sindku qal li sal-lum il-Kunsill ghadu ma rcieva 'l ebda risposta. Hawnhekk saret diskussjoni fejn Dr. Debattista qal li hu ma kienx jaqbel li nkomplu b'dawn il-ftehim minhabba li jmorru kontra ligi. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill ghandu zewg toroq quddiemu : l-ewwel li nkomplu ngeddu l-ftehim li hemm biex nassiguraw is-sigurta' pubblika, u fl-istess hin inkomplu nesigu ghal-linja ta' direzzjoni min-naha tad-dipartiment jew it-tieni li nwaqqfu s-sistemi kollha b'sogru ghas-sahha u sigurta' pubblika.

Hawnhekk kompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ppropona jekk il-membri kienux jaqblu li nkomplu bis-*service agreements* sakemm niehdu linja ta' direzzjoni min-naha tad-dipartiment u dan biex nassiguraw is-Sigurta' Pubblika. Hu qal li din il-kwistjoni ghandha titpogga quddiem il-Kunsill tlett xhur ohra fejn ghandha terga' tittiehed decizjoni. Il-proposta tas-Sindku ġiet approvata bi tnax-il vot favur, wiehed kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu :- Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsillier Dr George Debattista ivvota kontra.

## 6 **Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 2**

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 2 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Jimmy Calleja accena ghal *item* 16,17, u 18 filwaqt li l-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item* 7. Il-Kunsillier John Borg accena ghal *item* 23 filwaqt li l-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghal *item* 14 fejn staqsa jekk dan is-servizz kienx imnizzel fi skeda 8 tal-ligi?. Dr Debattista talab ukoll li f'laqgha ohra tigi prezentata kopja tal-*invoice.*

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li wiegeb ghal mistoqsijiet kollha sostna illi dan kien servizz u mhux donazzjoni. Is-Sindku qal li servizz li ghalih kien qed jirreferi Dr. Debattista kien inghata skond il-ligi u kien jittratta attivita li l-Kunsill kien ghamel inkollaborazzjoni mal-Kazin tal-Banda Duke of Connaught gewwa Gnien l-Istazzjon. Dak li qal is-Sindku kien ikkonfermat ukoll mill- Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt li kienet u ghadha l-kunsilliera nkarigata mill-Kultura.

Hekk kif spiccat id-diskussjoni l-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ipproponiet li tigi sospiza ghal ftit hin il-laqgha tal-kunsill biex hi tkun tista' tikkonsulta certu affarijiet mal-Kunsilliera Laburista. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsiliera Joanne Borg kienet sekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Il-hin kien is-7.43pm.

Ghall-habta tas-7.47pm tkompliet il-laqgha wara li l-kunsilliera Laburisti regghu dahlu fil-kamra.

Wara l-lista kompluta tax-xiri u pagamenti bin-numru 2 ġiet approvata bi tnax-il vot favur, wiehed kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu :- Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsillier Dr George Debattista ivvota kontra.

## 7 Korrispondenza

7.1 Ittra bid-data tat-2 ta'Gunju 2009 minghand is-Segretarju tal-Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jpoggi *mobile toilets* u zewg skips kbar fil-post fejn ser issir l-attivita

7.2 Ittra bid-data tat-2 ta'Gunju 2009 minghand is-Segretarju tal-Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own. Dwar il-punti msemmija fl-ittra is-Sindku qal li l-bankijiet u l-qasrija ghandhom biss jigu maqlugha jekk tkun ser tghaddi il-purcissjoni minn hemm. Fid-diskussjoni s-Sindku kkwota dak li qal is-Segretarju tal-kazin fil-presenza ta' l-Ispettur tal-Pulizija jekk ma jinqalghux il-bankijiet. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu illi ic-*Chairperson* tas-SottoKumitat Kultura ghandha tiltaqa' mal-President tal-Kazin dwar din il-materja u wara tirraporta lura lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

Hawnhekk il-kunsillier Dr. George Debattista staqsa dwar kemm hargu permessi ghall-imwejjed li ser jitpoggew gewwa Pjazza San Frangisk?. Is-Sindku wiegeb illi l-informazzjoni mitluba ser tinghata fil-laqgha li jmiss minhabba li l-ammont ta' l-imwejjed ser ikun determinat mill-Pulizija flimkien mal-Kunsill. Ghal dan il-ghan kienet intbghatet l-iskrivana s-Sinjorina Elisa Borg iddur mal-pulizija fil-postijiet li kienu ser ikunu affetwati.

7.3 Ittra bid-data tat-22 ta'Lulju 2009 minghand is-Segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali Santa Liena. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jpoggi *mobile toilets* vicin il-kazin fil-granet tal-festa.

7.4 Ittra bid-data tat-12 ta ' Lulju 2009 minghand is-Sur Joseph Salamone f'isem il-Klabb tal-Birkirkara Badminton. Unanimament il-Kunsill qabel li ma nistax naghtu donazzjoni lil dan il-klabb minhabba li din tmur kontra ligi.

7.5 Ftehim ta' accettazzjoni ghal Ghajnuna Finanzjarja mahrug mill-Bord ta' Evalwazzjoni – Skema *Energy Saving*. Fuq mistoqsija ta' Dr. George Debattista is-Sindku qal li fil-laqgha li jmiss hu kien ser ihabbar ezatt l-ammont fi flus li l-Kunsill kien ser jiehu minn din l-iskema. Dan minhabba li bi zvista ma kinitx tpoggiet korrispondenza ohra li juri dan.

## 8 Komunikazzjoni mis-Sindku

Xejn

## 9 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.1 Qabel bdiet id-diskussjoni il-Kunsillier Dr. George Debattista ssottometa dokument lis-Sindku li kien jikkonsisti b'sett ta' sitt mistoqsijiet. Is-Sindku s-Sur Michael fenech Adami qal li kopja ta' dan id-dokument fl-imkien mat-twegibiet kien ser jigi prezentat fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

9.2 Is-Sindku s-sur Michael Fenech Adami qassam ittra bid-data tat-21 ta' Lulju 2009 li giet immarkat bhala MK1 u li kienet tikkonsisti f'zewg mistoqsijiet maghmula mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Fuq wara ta' l-istess dokument kien hemm it-twegibiet mehtiega. Dan id-dokument kien qed jigi anness mal-minuti bhala parti mill-istess minuti.

9.3 Is-Sindku s-sur Michael Fenech Adami qassam kopja ta' email bid-data tat 23 ta' Lulju 2009 li giet immarkat bhala MK2 u li kienet tikkonsisti f' mistoqsija maghmula mill-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg. Fuq in-naha ta' l-istess email kien hemm it-twegiba mehtiega. Dan id-dokument kien qed jigi anness mal-minuti bhala parti mill-istess minuti.

9.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet lis-Sindku jekk Triq Has-Sajjied kinitx sejra tinghalaq *bollard ?* Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb fil-pozittiv. Hu qal li dan kien sejjer isir minhabba li dik il-parti tat-triq kient dejqa hafna u l-vetturi kienu qed jiehdu l-faccati. Hawnhekk is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Joanne Borg qablu flimkien illi ghandhom jitilghu flimkien fuq il-post imsemmi. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet illi dwar dawn l-affarijiet ghandna ikollna *policy.*

9.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ghamlet riferenza ghal-laqgha li kellu is-Sindku gewwa l-ufficcju tal-Kunsill ma' diversi persuni li jirraprezentaw l-ghaqdiet inkonnessjoni mal-festa ta' Santa Liena u li ghaliha attenda wkoll l-Ispettur tal-Pulizija. Hi staqsiet kif il-Kunsilliera ma kienux mistiedna kif ukoll staqsiet x'kien intqal waqt il-laqgha ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi l-laqgha saret billi huma talbu appuntament mieghu. F'laqgha ohra is-Sindku qal li kien ser jipprezenrta l-punti mitkellma waqt din il-laqgha.

9.6 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accenna ghal problema konnessa mal-gbir ta' l-iskart. Hu staqsa jekk nistawx nergghu nibdew nigbru l-iskart domestiku kuljum bhalma konna qabel u fl-istess waqt l-Erbgha u l-Gimgha ikompli jingabar l-iskart separat? Is-Sindku s-sur Michael fenech Adami qal li min qed ihamnmeg qed jaghmel dan vendikazzjoni.

9.7 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa jekk il-Kunsilliera kienux ser jibqghu jikklemjaw l-ispejjez tal-*fuel* u tal-*mobile,* u li fi snin li ghaddew kienu jiehdu € 23.3 kull xahar ? Is-Sindku qal li din ghanda tkompli tigi kklemjata fix-xahar billi l-Kunsillier jipprezenta l-ircevuta. Dan jibqa' fi sehh sakemm tigi insehh ir-riforma. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

9.8 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa x'kienet ir-raguni illi xoghol fi Triq V. Cassar/ Sqaq l-Imriehel kien ilu tlett gimghat wieqaf ? Is-sindku s-Sur Michael fenech Adami informa lill-membri illi xoghol mistenni jkompli ghada.(nhar l-15 ta' Lulju 2009.)

9.9 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg staqsiet lis-Sindku jekk f'Awwissu tistax issir laqgha wahda ? Is-Sindku qal li hu ma jsib l-ebda problema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10 Aggornament

Ghal habta tat-8.25 pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami aggorna l-laqgha ghan-nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu 2009 fis-6.00pm..

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**

HKL 1

Anthony Buttigieg
22 Sliem Giovanni Papaffy Str
B'Kara BKR 4020
Malta
Tel 21444910 Mob 99240765.
21579352.

21st July 2009

Ghaziz Sur Segretarju,

F'isem shabi l-Kunsillira qied nitlob dawn l-mistoqsijiet biex jersqu fil- kunsill li'miss.

1. Jekk il-parking tal - kunsill hux qied jinkera lill terzi persuni, tista tinforma lill dan il-kunsill, lill min qieghed jinkera u kemm qeghda tiswa kull kirja u ghal kemm zmien.

2. Jekk ir-rapport tal – Awiditur wasalx jekk fin-negattiv tista tinforma lill –Kunsill il-gdid il-posizzjoni finazzjara tal-kunsill sal-ahhar ta' Gunju 2009.

Inselli ghalik.

Dejjem tieghek

Anthony Buttigieg.

Kunsillier.

Rec 23/7/09.

MUL 1

23 ta' Lulju 2009

Anthony Buttigieg
22, Sliem Giovanni Papaffy str
Birkirkara

Sur Buttigieg,

B'riferenza ghall-ittra tieghek bid-data tal-21 ta' Lulju 2009 ninfurmak b'dan li gej:-

**Ghall-mistoqsija numru 1 – Re. Kirjiet tal-Parkegg**

1 **Dipartiment tas-Sahha** - Kirja ghal seba' parkeggi = € 2,446.50 fis-sena

2 **Social Services** - Kirja ghal hames parkeggi = € 1,747.50 fis-sena

3 **Birkirkara Local Tribunal** - Kirja ghal erba' parkeggi = € 1,400 fis-sena

4 **Comlux Malta Ltd** - Kirja ghal tlett parkeggi = € 1,500 fis-sena

**Ghall-mistoqsija numru 2 – Re. Awditur etc..**

Nitolbok taghmel riferenza ghall-email annessa tas-Sur Christian Vella

Nirringrazzjak

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

KUNSILL LOKALI
IN HOC SIGNO VINCES
BIRKIRKARA

Joe,

Ghadni kemm hadt aggornament mill-awdituri li qed jikkonkludu ir-rapport taghhom din il-gimgha izda mhux ser ikun lest sa nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju. Rigward il-posizzjoni sa Gunju 2009, bhalissa qed nahdem biex naghlaq il-finanzi ta' l-ewwel kwart izda nhar it-Tlieta ikun ghadu kmieni wisq biex naghti posizzjoni finali minhabba li nkun ghadni qed nistenna xi dokumenti u invoices biex il-posizzjoni tkun dik li ghanda tkun. Izda nista' nikkonferma li r-rapport ikun lest sal-laqgha tal-15 ta' wara.

Skond indikazzjonijiet mill-awdituri, anke ir-rapport ta' l-awditur ikun lest sa dik id-data u allura ahna inkunu nistghu nirrispondu ghall-management letter ta' l-awditur f'dik l-istess laqgha.

Tislijiet

MKL 2

Sinjura Borg,

Qed nigi nkarigat mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami biex ninfurmak li Triq it-Tahhan qeghda mnizzla fil-programm biex tinghata t-tarmak.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

-----Original Message-----
From: Joanne Borg at MMA [mailto:joanne.borg@mma.gov.mt]
Sent: 24 July 2009 11:15
To: Birkirkara Local Council at DLG
Subject: Triq it-Tihhan

Dear Joe,

May I ask you to confirm works(resurfacing with Tarmac) of the last part of triq it-Tihhan (entry from Anglu Mallia).
Please delete previous email.

Thanks
Joanne

##########################################################################################
Note:
This message is for the named person's use only. It may contain confidential, proprietary or legally privileged information. No confidentiality or privilege is waived or lost by any mistransmission. If you receive this message in error, please delete all copies of it from your system immediately, destroy any hard copies of it and notify the sender. You must not, directly or indirectly, use, disclose, distribute, print, or copy any part of this message if you are not the intended recipient. The Malta Maritime Authority reserves the right to monitor all e-mail communications through its networks.

Any views expressed in this message are those of the individual sender, except where the message states otherwise and the sender is authorized to state them to be the views of any such entity.

Thank You.
##########################################################################################

##########################################################################################
This e-mail message has been scanned for Viruses and Content and cleared by MailMarshal